# News Releases



## It-Turiżmu Lejn Malta: Marzu tal-2023

NR078/2023 Data tal-Ħruġ: 08 ta' Mejju 2023

*F'Marzu tal-2023, l-għadd sħiħ tat-turisti li waslu Malta kien stmat li jlaħħaq il-174,382, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mgħoddijin kien jgħodd il-1,057,589.*



F'Marzu tal-2023, l-għadd sħiħ tat-turisti li waslu Malta kien stmat li jlaħħaq il-174,382, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mgħoddijin kien jgħodd il-1,057,589.

**Marzu 2023**

Fix-xahar li qed jiġi mifli f'din l-istqarrija, 150,523 turist żar Malta għal btala, mentri 12,856 turist ġie Malta għal raġunijiet ta' xogħol. L-akbar għadd ta' turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (38.3 fil-mija); warajhom kien hemm dawk fl-età ta' bejn il-45 u l-64 sena (33.5 fil-mija) (Tabella nru 1). Residenti mir-Renju Unit, l-Italja, u Franza kienu jagħmlu 46.6 fil-mija tat-turisti kollha li waslu Malta (Tabella nru 5).

Meta mqabbel mal-istess xahar tas-sena ta' qabel, l-għadd sħiħ tal-iljieli mqattgħin Malta tela' bi 43.1 fil-mija, u qabeż il-miljun lejl. Il-kotra l-kbira ta' dawn l-iljieli (85.4 fil-mija) kienu mgħoddijin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni mikrija (Tabella nru 3). It-tul medju ta' dawn iż-żjajjar kien jammonta għal 6.1 iljieli (Tabella nru 1).

F'Marzu 2023, in-nefqa sħiħa tat-turisti kienet stmata li taqbeż il-€126.3 miljuni, li hija żjieda ta' 57.7 fil-mija fuq l-istess xahar sena qabel (Tabella nru 4). L-infiq medju kull lejl kien stmat li kien €119.5 (Ċart nru 2b).

**Jannar-Marzu 2023**

Fl-ewwel kwart tal-2023, it-turisti li waslu Malta laħħqu l-443,062, filwaqt li l-għadd sħiħ tal-iljieli mgħoddijin qabeż it-2.9 miljun lejl (Tabelli nri 6 u 8).

L-infiq sħiħ mit-turisti kien stmat li kien €312.4 miljuni (Tabella nru 9). L-infiq sħiħ ras għal ras niżel għal €705 mis-€710 li kien fl-2022 (Tabella nru 11).

### Ċart 1. Numru totali ta' turisti lejn Malta fix-xahar

Marzu 2020 - Marzu 2023




### Ċart 2a. In-nefqa totali, ras għal ras, mit-turisti li żaru Malta

Marzu 2023




### Ċart 2b. In-nefqa totali, kull lejl, mit-turisti li żaru Malta

Marzu 2023

